

**Brussell, 11 ta' Novembru 2024
(OR. en)**

14800/24

CO EUR-PREP 25

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (19 u 20 ta' Diċembru 2024) – Abbozz ta' aġenda annotata

F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li għandu l-Preidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta abbozz ta' aġenda annotata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali.

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' aġenda annotata ppreżentata mill-President tal-Kunsill Ewropew, fejn huma mniżżlin il-punti ewlenin li l-Kunsill Ewropew mistenni jindirizza fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Fid-dawl tad-diskussjoni finali li għandha ssir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħamest ijiem ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jfassal l-aġenda proviżorja.

I. UKRAJNA

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna fid-dimensjonijiet kollha tagħha u l-appoġġ komprensiv tal-Unjoni għall-Ukrajna u l-poplu tagħha.

II. LVANT NOFSANI

Il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti s-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani.

III. L-UE FID-DINJA

Il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti l-impenn dinji tal-UE.

IV. IR-REŻILJENZA, IT-THEJJJA, IL-PREVENZJONI TAL-KRIŻIJET U R-RISPONS GĦALIHOM

Wara r-rapport ippreżentat minn Sauli Niinistö, il-Kunsill Ewropew ser jindirizza r-reżiljenza, it-thejjja, il-prevenzjoni tal-kriżijiet u r-rispons għalihom.

V. MIGRAZZJONI

Il-Kunsill Ewropew ser jevalwa l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu dwar il-migrazzjoni.

VI. PUNTI OĦRA

Il-Kunsill Ewropew ser jiġi mistieden japprova l-konklużjonijiet dwar it-tkabbir li għandhom jiġu adottati mill-Kunsill fis-17 ta' Diċembru 2024.

Fid-dawl tal-avvenimenti, il-Kunsill Ewropew jista' jindirizza kwistjonijiet speċifiċi tal-politika barranija.